



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' April 2019
(OR. en)

7921/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0080 (NLE)

ACP 32
FIN 261
PTOM 8
COAFR 57

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-lżvilupp għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti
taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp
għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

Billi:

- (1) Taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), l-Unjoni sa issa impenjat total ta' EUR 1 627 300 000 għall-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għar-reazzjonijiet tal-Unjoni Afrikana għal kriżijiet tas-sigurtà li għaddejjin bħalissa u dawk emerġenti fl-Afrika. Dan l-impenn favur il-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan jenħtieġ li jitkompla għall-perjodu 2019-2020.
- (2) Il-ħtiġijiet tal-FPA għall-perjodu 2019-2020 huma stmati għal EUR 814 860 000.
- (3) Hemm lok biex jintużaw fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar FEŻ sabiex il-finanzjament tal-FPA jiġi żgurat sa tmiem l-2020.
- (4) Jenħtieġ li dawk il-fondi jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-FPA, inkluż l-appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà, l-appoġġ għal inizjattivi mmirati għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitt vjolenti f'każ ta' ħtiġijiet urġenti u imprevisi f' sitwazzjonijiet ta' kriżi (Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Bikrija) u appoġġ għall-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Afrika, u jenħtieġ li jkopru n-nefqa ta' appoġġ li ssir mill-Kummissjoni.

- (5) Jenħtieġ li daww il-fondi jintużaw f'konformità mal-programm ta' azzjoni multiannwali rilevanti tal-FPA u mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2015/322¹ u (UE) 2018/1877²,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1).

² Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1).

Artikolu 1

Għandu jiġi allokati ammont sa massimu ta' EUR 445 860 000 mill-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-ġħaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) għall-perjodu 2019-2020.

Minn dak l-ammont, sa massimu ta' EUR 14 860 000 għandhom jiġu allokati għan-nefqa ta' appoġġ li ssir mill-Kummissjoni.

Dawk il-fondi għandhom jintużaw f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
